MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2013

Numru. 197/2009

**SPETTUR JESMOND BORG**
**VS**
**DUSTIN BUGEJA**
**KEVIN BUGEJA**
**FRANCIS BUGEJA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Dustin Bugeja ta' 21 sena bin Francis u Jacqueline nee' Bugeja, mwieled Pieta' fis- 7 ta' Jannar 1992, residenti 2, Blokk G, Entratura A, Triq Fuq Tal- Hawli, l- Birgu u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 143392M;

U

Francis Bugeja ta' 26 sena, bin Francis u Jacqueline nee' Bugeja, mwieled Pieta fis- 27 ta' Jannar 1987, residenti

Nru 2, Blokk G, Entratura A, Triq Fuq tal- Hawli, Birgu u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 119687M;

U

Kevin Bugeja ta' 23 bin Francis u Jacqueline nee' Bugeja, mwieled Pieta' fl- 24 ta' Awwissu 1989, residenti 2, Blokk G, Entratura A, Sqaq ta' Frakass, Birgu u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 509789M;

Talli;

1) Fit- 2 ta' Marzu 2009, ghal habta tas- 12.50pm, filwaqt li kienu fl- inhawi tal- hawli, gewwa l- Birgu, bil-hsieb li jaghmlu reat u cioe li joqtlu lil Khaled Mohammed Baara jew li jqieghdu hajtu f' periklu car, wrew dan il-hsieb b' atti esterni u taw bidu ghall- esekuzzjoni ta' dan id- delitt, billi tawh daqqiet bi strumenti jaqtaw u bil- ponta, oggetti ohra iebsin u permezz ta' mezzi ohra, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta taghhhom;

2) Talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkagunaw feriti ta' natura gravi u permanenti fuq il-persuna ta' Khaled Mohamed Baara, skont kif iccertifikat minn Dr Michael Spiteri, it- tabib tat- Taqsima tal-Emergenza tal- isptar Mater Dei;

3) Barra minn dawn akkuzati wkoll talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kienu fl- inhawi tal-Hawli, volontarjament kisru l- Bon Ordni u l- Paci Pubblika b' ghajjat u glied;

4) Aktar talli fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi, filwaqt li kienu fl- inhawi tal- Hawli, kellhom fil- pussess taghhom, kellhom taht il- kontroll taghhom, jew garrew barra minn xi fond jew fid- dintorni tieghu, armi u armi ohra irregolari minghajr il- licenzja tal- Kummissarju tal-Pulizija;

Lil Dustin Bugeja Wahdu;

5) talli fit- 2 ta' Marzu 2009 ghal habta tas- 1.00pm, filwaqt li kien fl-inwahi ta' Hawli u fil- granet u x- xhur ta' qabel, f' dawn il- gzejjer, saq vettura tal- ghamla Isuzu, mudell Gemini u li ghandha n- numru tar-registrazzjoni mhux maghruf, minghajr licenzja mill- Kummissarju tal-Pulizija jew mid- Direttur tad- Dipartiment tal- Licenzji, u b'

hekk ma kinx assigurat kontra terzi persuni ma’ kumpanija tal- assigurazzjoni;
6) akkuzat talli fit- 2 ta’ Marzu 2009 ghal habta tas- 1.00pm filwaqt li kien fl- inhwai ta’ Hawli, Birgu saq il-v ettura tal- ghamla Isuzu mudell Gemini u bin- numru tar- registrazzjoni mhux maghruf, b’ manjiera perikoluza u b’ velocita’ eccessiva;
7) talli fl- istess data, hin, lok ingurja u hedded bil- mewt lil Khaled Mohamed Baara;
8) akkuzat ukoll talli Dustin Bugeja kiser il- kundizzjonijiet imposti fuqu mill- Magistrat Dr Anthony J Vella LL.D fil- Qorti tal- Magistrati (Malta) liema kundizzjonijiet saru effettivi mid- 9 ta’ Mejju 2007;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-provi f’din il-kawza kienu kkaratterizzati minn diversi konflitti fil-verzjonijiet moghtija, u fin-nuqqas ta’ preservazzjoni ta’ provi fl-istadju li kien ghadu kemm sehh ir-reat. Jidher li fid-data indikata kien hemm glieda bejn zewg gruppi ta’ nies, fejn allegatament gie ferut b’sikkina certu Khaled Mohamed Baara ta’ nazzjonalita’ libjana. Il-griehi li sofra gew certifikati mit-tobba tal-emergenza, u l-vittma kien ikkonferma li hu qala’ daqqa ta’ sikkina minn ghand wiehed mill-imputati. Madankollu, ix-xhieda l-ohra kollha naqsu milli jikkorroboraw din il-verzjoni ta’ fatti. Sahansitra wiehed mix-xhieda nesa kull ma kien gara, mentri l-ohrajn taw verzjonijiet konfliggenti. Apparti minn hekk, ghal xi raguni li mhix maghrufa, ghalkemm kien hemm incident ta’ certa portata, ma saretx inkjesta fl-in genere skond il-ligi, u ghalhekk hafna mill-provi baqghu mankanti u nieqsa sa mill-bidu nett. Di fatti, din il-Qorti fl-istadju tal-Istruttorja ppruvat tirkupra u tippreserva dak kollu li kien possibbli, izda dan l-ezercizzju ma wassal imkien.

Minn dawn il-fatti telegrafici u skematici ghall-ahhar, jemergi kwadru ta’ x’seta’ gara dakinhar tal-incident. Jista’ jkun li dan kien inkontru bejn zewg gruppi li kellhom xi dizgwid fil-passat u riedu jisfidaw lil xulxin biex jaraw min kellu ragun fuq xi diskors li kien intqal u fuq incidenti ohra li kienu nqalghu xi jiem qabel. Il-Qorti qed tkun vaga fid-diskors taghha daqs il-provi li gew prodotti quddiemha. Minn din id-diskussjoni bejn dawn iz-zewg gruppi ta’ nies, wiehed jista’ jippresumi li d-diskors beda jiskala fit-ton u sahnet il-qiegha, u xi whud minnhom gew fl-idejn. Izda, kif gia’ qalet il-Qorti, il-provi tant huma konfliggenti u l-kredibilita’ tax-xhieda tant hi nieqsa li ma jista’ jinbena ebda kwadru veritier ta’ kif graw il-fatti. Donnu l-kaz kollu kien mghotti b’omerta’ bejn iz-zewg gruppi li qisu jridu d-differenzi ta’ bejniethom jigu rizolti skond il-ligi tat-triq, u mhux fil-Qorti.

In mankanza ta’ provi biex il-Qorti tasal ghall-verita’ tal-kaz, ma hemmx triq ohra hlief li jigu lliberati l-imputati.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 17, 31, 533, 338(dd), 339(1)(e), 383, 384, 385, 214, 216, 217, 222A(2), 63, 65 tal- Kap 9, Artikoli 15(1)(a), 32, 15(2), 32, 127(1) ta’ LS 65.11 tal- Kap 65, Artikoli 6, 51(7) tal- Kap 480, Artikoli 3(1), 3(2)(b), 3(2A) tal- Kap 104 u Artikoli 21 u 22 tal- Kap 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputati hatja u ghaldaqstant tilliberahom.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------